**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chris Pullicino)**

**(Spettur Sylvana Briffa)**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Josef Vincenti**

**Kumpilazzjoni Numru: 877/2014**

**Illum, hamsa (5) ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Josef Vincenti** detentur tal-karta tal-identità 298387M akkuzat talli:

1. Nhar it-12 ta' Settembru 2014 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu gewwa l--Omissis-, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' -Omissis- f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi waddab mill-gholi u sabbat fis-sodda taghha lill-imsemmija -Omissis-, tarbija ta' madwar ghaxar (10) xhur, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna tal-istess -Omissis-, tarbija ta' madwar ghaxar xhur, hekk kif gie ccertifikat mit-tobba tal-isptar Mater Dei;

3. U aktar talli fl-istess data u fix-xahrejn ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, meta hu kellu responsabbiltà ta' t-tfal -Omissis-, -Omissis- u -Omissis-, liema tfal huma ta' taht it-tnax il-sena, b'atti persistenti ta' ghemil jew ta' nuqqas ta' ghemil, haqar lit-tfal jew gieghel, jew ippermetta il-mohqrija tat-tfal b'mezzi simili;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Settembru 2014 u fix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-11 u t-12 ta' Settembru 2014 u fix-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi kusr tal-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli, f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-11 u t-12 ta' Settembru 2014 u fix-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess

tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana, nhar it-12 ta' Settembru 2014, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat, liema reat jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta;

8. U aktar talli gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana, nhar it-12 ta' Settembru 2014 halef il-falz quddiem Imhallef, magistrat jew ufficjal iehor minnhom inkarigat, li kellu is-setgha b'ligi li jaghti il-gurament.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna offiza cioe ta' -Omissis- u ulieda, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-imsemmija tfal minn

**fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.**

**Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b' mod generali il-flejjes u l-propjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuta lil jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma propjeta` tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort' ohra jiddisponi minn xi propjeta` mobbli jew immobbli.**

**Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-proces verbal li jgib in-numru 671/14 datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena 2014 redatt mill-Magistrat Dr Charmaine Galea;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru, 2020 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija fil-konfront ta' Josef Vincenti u cioe':-

1. Fl-Artikoli 214, 218(1)(a)(b)(2), 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(c)(d) u 222(1)(a) b'referenza ghall-artikolu 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 247A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 108(1)(a)(b) u 109(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Rat id-digriet taghha datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena 2022 fejn din il-Qorti ordnat l-isfilz tal-istqarrija tal-imputat Josef Vincenti datata tlettax (13) ta' Settembru tas-sena 2014 kif ukoll ix-xhieda guramentata quddiem l-espert Dr Joseph Mifsud fl-atti tal-inkjesta Magisterjali datata tnax (12) ta' Settembru tas-sena 2014.

Rat li l-ebda mill-partijiet ma pprezentat in-Noti ta' Sottomissjonijiet rispettivi taghhom minkejja li nghataw diversi opportunitajiet.

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

Illi xehed **l-Ispettur Edel Mary Camilleri** li tghid li l-kaz imur lura ghat-tnax (12) ta' Settembru tas-sena 2014 meta kienet stazzjonata d-distrett tar-Rabat u tipprova tlahhaq mad-distrett tal--Omissis- stante li jinkludi wkoll id-distrett tar-Rabat. Giet

infurmata mis-Supritendent Bartolo sabiex taccedi l-isptar stante li ddahlet tifla ta' madwar hdax (11)-il xahar li kienet qieghda ssofri minn griehi gewwa rasha. Tghid li hi marret l-isptar u kkonfermat li t-tifla kienet fil-fatt qieghda l-isptar ammessa mill-genituri taghha stess gewwa l-unit tal-ITU. Tikkonferma wkoll li t-tifla ddahhlet l-isptar fis-sebgha ta' filghodu. Izzid tghid li t-tifla kien jisimha -Omissis- li tigi bint -Omissis- u missierha mhux maghruf. Tixhed ukoll li dakinhar kien hemm is-sieheb ta' -Omissis- u cioè Josef Vincenti jistenna l-isptar.

Tkompli tixhed li kellmet lil social workers tal-isptar li flimkien mac-Child Protection Unit kienu qeghdin isegwu l-kaz stante li xi xhur qabel ma sehh l-allegat reat kien hemm diversi rapporti rigward iz-zewg (2) ulied l-ohra ta' -Omissis- u cioè -Omissis- u -Omissis-. Izzid tghid li hi marret tara lit-tarbija -Omissis- u giet infurmata minn haddiema tal-isptar li l-istess -Omissis- kienet qieghda tbati minn tbengil fir-ras u li kienu anke kkonkludew li kienet qieghda ssofri minn xi fratturi li sehh matul iz-zmien. Tixhed li dak il-hin l-isptar it-tarbija kienet ghajjiena hafna. Tikkonferma li meta rat it-tifla nnutat li saqajha l-leminija kienet fil-gibs mentri fuq is-sieq ix-xellugija nnutat diversi tbengil

specifikament fuq l-irkoppa. Tghid li t-tobba nfurmawha li dan it-tbengil huma kkawzati u mhux incidentali. Kien ghalhekk li infurmat lill-Magistrat tal-ghassa u cioè l-Magistrat Dr Charmaine Galea li sejhet inkjesta.

Tkompli tixhed li stante din l-informazzjoni kollha hi u l-kollegi taghha estendew l-investigazzjoni anke fuq iz-zewgt (2) itfal l-ohra u cioè -Omissis- u -Omissis- u dan ghaliex kienu qeghdin f'riskju. Tghid li ghalhekk il-missier natura ta' dawn iz-zewgt (2) itfal gab l-istess subien l-isptar sabiex jigu ezaminati mill-pedjatra Dr Mariella Mangion kif ukoll minn Dr Mario Scerri li t-tnejn li huma gew nominati fl-Inkjesta Magisterjali. Tixhed ukoll li kemm it-tarbija -Omissis- kif ukoll -Omissis- u -Omissis- kienu fi stat mahmug u kwazi ta' abbandun. Tikkonferma li kemm l-akkuzat Josef Vincenti kif ukoll l-omm -Omissis- gew mgharrfa bil-fatt li huma kienu qeghdin jitqiesu bhala suspettati immedjati u ghalhekk gew arrestati. Izzid tghid li l-ufficjali tal-Vice wettqu tfittxija gewwa r-residenza ta' -Omissis- fejn gie nnutat hafna hmieg.

Ix-xhud tkompli tghid li hi osservat li kien hemm double bed fin-nofs tal-kamra tas-sodda kif ukoll cot magenba. Tikkonferma li

fuq il-mejda tal-kamra tal-kcina kien hemm sikkina kif ukoll mobile u gugarell tal-plastic f'forma ta' stilla. Tixhed li rigward il-gugarell l-omm -Omissis- sahqet li l-griehi li kellha -Omissis- saru kawza ta' dan il-gugarell. Izzid tghid li waqt dan kollu l-Ispettur Pullicino kien ha t-testimonjanza tal-akkuzat bil-gurament waqt l-Inkjesta Magisterjali. Tghid li bil-gurament l-akkuzat kien qal li fil-hdax (11) ta' Settembru hu, -Omissis-, it-tarbija -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- qattghu l-lejl barra jiccelebraw il-festa. Tghid li hu xehed li fil-hamsa ta' filghodu fit-tnax (12) ta' Settembru dahlu lura d-dar u li l-griehi fuq it-tarbija -Omissis- gew ikkawzati minn -Omissis-. Tixhed li kkonfrontat b'din it-testimonjanza -Omissis- sahqet li hi ma tafx kif sehhew il-griehi u li sahansitra ma kienet taf b'xejn.

Tghid li wara dan l-akkuzat gie mitkellem mill-Pulizija taht is-solitu twissija fejn hu ghazel li ma jkellimx avukat tal-fiducja tieghu. Tghid li f'din l-istqarrija l-akkuzat ammetta li hu ha gurament falz u li kien hu li kkawza l-griehi fuq ras it-tarbija. Tghid li l-akkuzat stqarr li meta kien qieghed fil-kamra tas-sodda jistenna l-ikel it-tarbija kienet gol-cot meta bdiet tibki. Kien hawnhekk li biex jipprova jsikkitha hu hezzizha u xehitha bil-goff

ghal gol-istess cot. Kawza ta' hekk it-tarbija habtet rasha mal-cot u wara li ghadda ftit hin l-istess tarbija kkwitat. Kien hemmhekk li -Omissis- cemplet l-ambulanza ghaliex indunat li t-tarbija ma kinitx qieghda tiehu nifs normali. Tkompli tixhed li fl-interrogazzjoni tal-akkuzat harget ukoll ammissjoni li l-akkuzat kien taht l-effett tad-drogi. Tispecifika li hu kien semma li kien ha linja wahda ta' kokaina kif ukoll smoke.

Inkontroezami tikkonferma li mill-investigazzjonijiet li wettqu l-akkuzat ma kellu ebda responsabilità legali fuq it-tfal stante li ma kienx il-missier naturali tat-tarbija izda li dak iz-zmien kien is-sieheb ta' -Omissis-. Izzid tghid li rrizultalhom li l-akkuzat u l-istess -Omissis- kienu ilhom f'relazzjoni ghal xahrejn.

Xehed <u>l-Ispettur Chris Pullicino</u> li jghid li fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena 2014 ghal hdax ta' filghodu kien gie infurmat li aktar kmieni kienet iddahhlet l-isptar tarbija bl-isem ta' -Omissis- li kellha ghaxar (10) xhur u li kienet fil-periklu tal-mewt. Ikompli jghid li hu mar gewwa l-ITU fejn sab lill-Ispettur Sylvana Briffa u l-Ispettur Spettur Edel Mary Camilleri. Jghid li kif ra lit-tarbija kkonferma li kellha diversi fratturi fil-kranju taghha kif ukoll sieq

miksura. Ikompli jixhed li kien evidenti ghalih li t-tarbija kellha sieqha miksura stante li l-istess sieq kien fil-gibs. Jikkonferma li kien hemm it-tbengil fuq is-sieq l-ohra. Jghid ukoll li gie infurmat li missier it-tarbija huwa mmarkat bhala "*unknown*".

Ikompli jixhed li t-tobba kienu spjegawlu li l-fratturi li kellha t-tarbija jindikaw li kienet sofriet dawn il-griehi diversi drabi. Jikkonferma mat-tobba wkoll li l-ksur fis-sieq kien ilu hemm tant li l-ghadma spostat ruhha u li seta' kien il-kaz li jkun hemm bzonn ta' intervent mediku. Jghid li l-Ispettur Edel Mary Camilleri infurmat lill-Magistrat Inkwerenti dwar dan kollu u fil-fatt infethet inkjesta u nhatru diversi esperti. Izid jghid li l-Ispettur Edel Mary Camilleri u l-Ispettur Sylvana Briffa tkellmu maz-zewgt (2) itfal ohra ta' -Omissis- flimkien mal-espert tal-Qorti. Jixhed li stante dan kollu kellhom jinfirdu -Omissis- u l-imputat Josef Vincenti u jigu mitkellma individwalment bhala parti mill-investigazzjoni. Jghid li -Omissis- stqarret li hi dahhlet lit-tifla torqod bil-galbu filwaqt li l-akkuzat sostna li kienet l-istess -Omissis- li refghet u ghezzet lit-tarbija stante li t-tarbija kienet qieghda tibki hafna. Jghid li l-akkuza qal li kien f'dak il-mument li -Omissis- laqtet lit-tarbija f'rasha mal-cot.

Ikompli jghid li meta giet ikkonfrontata b'din il-verzjoni -Omissis- nfexxet tghajjat mal-akkuzat u tghajru giddieb. Kien hemmhekk li -Omissis- rreferiet ghal filmat fuq il-mobile taghha li juri lill-akkuzat fi stat ta' sakra kif ukoll taht l-effett tad-drogi. Jghid li l-istess -Omissis- kompliet tghid li dakinhar li sehh l-allegat reat l-akkuzat talabha biex issajjarlu xi haga u waqt li kienet qieghda taghmel dan l-akkuzat nizel sa hdejha u dan minkejja li kienet se titla' hdejh. Jixhed ukoll li meta kellem lill-akkuzat dan ammetta li kien wahdu mat-tarbija u kien hu li hezzez lit-tarbija u garaha fis-sodda u ghalhekk it-tarbija weggghet.

Izid jghid li eventwalment saret tfittxija fir-residenza ta' -Omissis- u rrizulta li kien hemm hafna hmieg gol-istess dar kif ukoll hmieg tal-annimali. Ghar-rigward dan jikkonferma li -Omissis- tressqet taht akkuzi li jirrelataw man-negligenza li tiehu hsieb it-tfal. Jixhed ukoll li fil-kors tal-investigazzjonijiet irrizulta li t-tifla kienet kisret saqajha mas-sodda madwar tlieta (3) jew erbat (4) ijiem qabel stante li harget saqajha barra mill-cot. Jixhed li l-akkuzat u l-omm ma kienu jafu b'xejn dwar dan.

Xehed **Cecil Vella** li huwa konsulent fid-Dipartiment tal-Pedjatrija gewwa l-isptar Mater Dei. Jghid li t-tarbija -Omissis- ta' ghaxar (10) xhur iddahhlet fil-Paediatric Intensive Care Unit fit-tnax (12) ta' Settembru. Kien gie infurmat fis-sebgha u kwart ta' filghodu li t-tarbija ma kinitx qieghda tirrispondi. Irrizultalu li t-tarbija kellha gerha fuq in-naha tax-xellug tal-kranju kif ukoll nefha sostanzjali fil-koxxa fuq in-naha tal-lemin. Jixhed li l-ewwel impressjoni li kellhom it-tobba kienet li t-tarbija kellha head injury kif ukoll frattura tal-ghadma tal-koxxa fuq in-naha tal-lemin. Izid jghid li t-tarbija ttiehdet ghal CT scan li wera li l-istess tarbija kellha frattura fuq in-naha tax-xellug ta' rasha li kien hemm ezistenti emoragijiet taht l-ghadma kemm fuq in-naha tax-xellug u kemm fuq in-naha tal-lemin. Jixhed li ttiehed ukoll X-ray tas-sieq fuq in-naha tal-lemin u rrizulta li kien hemm frattura tal-*femur* kif ukoll tbengil fuq is-saqajn.

Ikompli jixhed li stante li kien hemm emoragija go ras it-tarbija kienet fi stat gravi u fil-periklu tal-mewt. Izid jghid li hu kien kellem lill-omm kif ukoll lis-sieheb taghha. Jixhed li l-omm qaltlu li fis-sitta ta' filghodu semghet lit-tifla tolfoq u sabitha b'halqha maghluq u kellha l-bzieq hiereg minn halqha. Meta giet biex

terfaghha skopriet li t-tarbija kienet mitluqa u stante dan haditha l-isptar. Jixhed li l-omm qaltlu li t-tarbija kienet raqdet sew il-lejl ta' qabel ghajr ghal xi remettar li kellha bzonn taghmel. Ikompli jispjega li l-omm kompliet tghidlu li gimaghtejn qabel dan kollu t-tarbija kienet iddahhlet l-isptar stante li kellha nefha fuq in-naha tax-xellug ta' rasha u li dan sehh peress li xi hadd mill-ahwa tat-tarbija kien laqatha b'stilla tal-plastic. Jixhed però li l-griehi li ra hu ma kinux kompatibbli ma' din l-istilla. Jispjega li ma kienx hu li nvistaha gimaghtejn qabel l-allegat reat. Jixhed li tenut dan kollu jikkonkludi li l-griehi kienu ta' natura mhux accidentali.

Inkontroezami x-xhud jghid li meta ttiehed l-X-ray l-ispecjalisti tal-ghadam kienu tal-opinjoni li l-ksur kien frisk u cioè bejn jum u jumejn izda mhux iktar stante li ma kienx sehh dak li jissejjah il-*callus formation*.

Xehdet **WPS 224 Suzanne Mifsud** li tghid li fit-tnax (12) ta' Settembru tal-2014 ghad-disgha u kwart ta' filghodu waqt li kienet xoghol gewwa l-Ghassa tal--Omissis- giet infurmata minn PC786 li aktar kmieni ddahhlet tarbija ta' madwar disa' (9) xhur bi griehi serji hafna u cioè tbengil, ksur u head injury. Tixhed li t-tarbija

ttiehdet l-isptar permezz tal-ambulanza mill-fond -Omissis- u li kienet akkumpanjata mill-genituri taghha. Izzid tghid li kien qieghed issuspettat l-abbuz tat-tfal. Tkompli tixhed li hi infurmat lill-Ispettur Sylvana Briffa kif ukoll lill-Ispettur Edel Camilleri li min-naha taghha infurmat lill-Magistrat tal-ghassa u cioè Magistrat Dr Charmaine Galea li ordnat il-bidu ta' inkjesta u sahansitra anke hatret diversi esperti. Tixhed li hi accediet gewwa l-isptar Mater Dei u kkonfermat li t-tarbija isimha -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis-. Tghid ukoll li hi nnutat zewg (2) persuni fil-waiting room wiehed maskili u l-ohra femminili li nzertaw kienu l-genituri tat-tarbija.

Tkompli tixhed li hi kellmet lil certu Dr Cecil Vella li stqarr li t-tarbija qieghda ssofri minn hafna griehi fosthom fratturi fil-kranju kif ukoll demm migbur taht ir-rita tar-ras. Tixhed li hi kellmet lill-omm tat-tarbija u cioè -Omissis- li qaltilha li ghall-habta tas-sitta ta' filghodu bintha ma bdietx tirripsondi bhas-soltu minhabba li ma haditx il-gazaza u li ma kinitx qieghda taghmel hsejjes. Izzid tghid li l-omm qaltilha li t-tarbija nhasset mitluqa u kien ghalhekk li cemplet lill-ambulanza. Tghid li stqarret li hi tghix mal-akkuzat li huwa s-sieheb taghha ghal dawn l-ahhar xahrejn. Stqarret

maghha li hi ghandha zewg (2) subien ohra wiehed ta' erba' (4) snin u l-iehor ta' seba' (7) snin. Tkompli tghid li z-zewg (2) subien jorqdu f'kamra ghalihom waqt li t-tarbija torqod fl-istess kamra taghha. Stqarret ukoll max-xhud li l-akkuzat mhuwiex missier it-tarbija u li gimaghtejn qabel l-allegat reat kienet hadet it-tarbija l-isptar minhabba nefha li kellha rasha meta binha laqghat lill-istess tarbija b'gugarell tal-plastic f'forma ta' stilla.

Izzid tghid li hi avvicinat lill-akkuzat Josef Vincenti li stqarr maghha li dakinhar qamet omm it-tarbija biex taghtiha l-gazaza stante li bdiet tgerger u l-istess tarbija baqghet b'halqha maghluq kif ukoll kienet bajda karti. Kien hemmhekk li cemplet l-ambulanza ghas-sebgha ta' filghodu. Izzid tghid li meta hi kienet l-isptar waslu l-Ispettur Sylvana Briffa, l-Ispettur Edel Camilleri kif ukoll WPS 261. Tixhed ukoll li s-social worker tal-isptar certu Donatella digà kienet infurmata bil-kaz intant it-tarbija kienet giet invistata mit-Tabib Dr Jeffrey Bonnici kif ukoll minn Dr Malcolm Caruana.

Xehdet <u>WPS 261 Donatella Frendo</u> li tghid li fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena 2014 ghad-disgha u nofs l-Ispettur Sylvana Briffa kienet giet infurmata mill-isptar gewwa l-ITU tat-tfal li kienet

dahlet tarbija ta' ghaxar (10) xhur b'feriti go rasha. Izzid tghid li hi kellmet lill-ispecjalista certu Dr Cecil Vella li infurmaha li din it-tarbija kellha diversi fratturi fil-kranju kif ukoll saqajha miksura. Irrizultalha li hi u diehla fil-ward inntutat zewg (2) persuni li kienu l-omm naturali cioè -Omissis- u l-akkuzat Josef Vincenti. Tghid li hi kellmet lis-social worker tal-isptar certu Donatella Bruno li infurmatha li gimaghtejn qabel it-tnax (12) ta' Settembru 2014 l-istess tarbija kienet iddahlet l-isptar b'nefha fuq rasha. Tikkonferma li infurmat kemm lill-omm it-tarbija kif ukoll lill-akkuzat dwar l-arrest taghhom izda ma marritx maghhom. Tkompli tixhed li gew l-isptar iz-zewgt (2) itfal tal-omm -Omissis- li gew mitkellma minn Dr Mariella Mangion u nnotat li l-istess tfal dehru fi stat mhux dicenti.

Tkompli tixhed li kellha struzzjonijiet sabiex flimkien ma' WPS 33 Valletta s-social worker Amanda rrappurtat gewwa r-residenza numru -Omissis- u li min-naha taghhom wettqu rapport fejn innutaw li d-dar kienet fi stat mahmug. Tixhed li kien hemm ikel immuffat, hmieg tal-kelba, ashtray hdejn il-cot tat-tarbija. Tghid ukoll li kien hemm PS 404 min-naha tas-sezzjoni tal-forensika li

ffotografa l-post. Izzid tghid li l-omm -Omissis- giet mitkellma mill-Ispettur Sylvana Briffa kif ukoll mill-Ispettur Pullicino.

Xehed PC 786 Stephen Casha li jghid li fit-tnax (12) ta' Settembru 2014 ghas-sebgha ta' filghodu gie infurmat li harget ambulanza gewwa -Omissis- rigward tarbija li kienet qieghda tbati minn fits. Jixhed ukoll li wara certu hin gie infurmat li t-tarbija kellha sinjali ta' ksur, daqqiet, tbengil u gerha fuq ir-ras. Hu informa lill-Pulizija tal--Omissis- li marru fuq il-post u komplew bl-investigazzjonijiet taghhom.

Xehdet l-Ispettur Sylvana Briffa li tghid li fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena 2014 il-Vice Squad kienu gew infurmati mis-Surgent 224 mill-ghassa tal--Omissis- li kienu gew infurmati li kien hemm tarbija ta' hdax (11)-il xahar li kienet iddahhlet l-isptar mill-indirizz -Omissis-. Tghid li t-tarbija kienet qieghda ssofri minn xi ksur f'rasha u li kienet certu -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis-. Tixhed li meta hi flimkien mal-WPS 261 Donatella Frendo u WPC 89 Mariella Spiteri waslu l-isptar marru gewwa l-Intensive Care Unit u kellmu lil Dr Cecil Vella li kien qieghed jinvista lit-tarbija. Izzid tixhed li l-istess Dr Cecil Vella infurmahom li t-tarbija

kienet qieghda ssofri minn diversi fratturi fil-kranju kif ukoll ksur f'saqajha l-leminija. Tghid li l-istess tabib infurmahom li t-tarbija kienet fil-periklu tal-mewt u li setghet kienet qieghda tigi soggetta ghall-abbuz. Tghid ukoll li l-istess tabib qal li l-verzjoni li tat omm it-tarbija m'ghamlitx sens u ghalhekk hass il-bzonn li jinforma lill-Pulizija.

Tghid li ghalhekk gie infurmat l-Ispettur Chris Pullicino kif ukoll l-Ispettur Edel Camilleri rigward il-kaz. Tixhed ukoll li l-omm kienet l-isptar flimkien mal-akkuzat Josef Vincenti u li dawn kienu reqdin fil-waiting room waqt li t-tarbija kienet qieghda fil-periklu tal-mewt. Tghid li l-omm qalet lit-tobba li dakinhar li gew lura mill-festa kienu madwar il-hamsa ta' filghodu meta nnutat li t-tarbija ma kinitx qieghda tiehu nifs u ghalhekk haditha l-isptar. B'din l-informazzjoni giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa Dr Charmaine Galea li hatret diversi esperti biex jghinuha fl-inkjesta. Tixhed li l-akkuzat u omm -Omissis- gew arrestati u ttiehdet l-istqarrijiet taghhom u dan wara li nghataw is-soliti twissijiet.

Tkompli tixhed li l-ewwel giet mitkellma -Omissis- li stqarret li hi ghandha tlett (3) itfal minn tliet (3) relazzjonijiet differenti u li dawn

jghixu maghha fl-indirizz -Omissis-. Tixhed li -Omissis- stqarret li kienet harget ghal festa ta' -Omissis- flimkien mal-akkuzat u mat-tfal. Kienu s-sitta ta' filghodu meta ngabru d-dar u l-istess -Omissis- dahhlet lit-tarbija taghha fil-cot u ftit wara l-akkuzat xtaqha ssajjar xi haga ghalih. Tkompli tghid li -Omissis- stqarret li hi u ssajjar ghall-akkuzat, l-istess akkuzat Josef Vincenti nizel sa hdejha u minkejja li mhux soltu hi ma tatx daqshekk kaz. Tghid li telghet flimkien mal-akkuzat fil-kamra tas-sodda u nnotat li t-tarbija kienet qieghda taghmel hoss stramb u ma kinitx qieghda tiehu l-gazaza. Tkompli tghid li -Omissis- stqarret li xhin refghet it-tifla ndunat li kienet mitluqa u ma kinitx qieghda tiehu nifs sew u ghalhekk flimkien mal-akkuzat marret l-isptar. Filwaqt li ma setghetx taghti spjegazzjoni ghal feriti prezenti fuq it-tarbija kkonfermat li ftit granet qabel l-akkadut -Omissis- u -Omissis- kienu qeghdin jilaghbu flimkien meta -Omissis- waddab gugarell fid-direzzjoni ta' -Omissis- u laqatha.

Tkompli tixhed li mill-investigazzjonijiet li sehhu mal-haddiema socjali tal-Appogg li kienet prezenti l-isptar skopriet li mir-rekords taghhom irrizulta li t-tarbija -Omissis- kienet iddahhlet xi hmistax (15)-il gurnata qabel l-allegat incident stante li kienet

sofriet minn xi ksur fil-kranju. Izzid tghid li kellhom anke rapporti fejn l-omm setghet kienet qieghda timmaltratta lit-tfal u tkun negligenti fil-konfront taghhom. Izzid tghid li Dr Mariella Mangion giet mahtura mill-Magistrat Inkwerenti sabiex tezamina lit-tarbija kif ukoll titkellem mat-tfal -Omissis- u -Omissis-. Tixhed li ghal bidu dawn ma ridux jitkellmu izda eventwalment qalu li ommhom gieli tathom xi daqqa talli kienu jkunu mqarbin izda qatt ma kkonfermaw li tathom daqqa fuq rashom. Izzid tghid ukoll li t-tfal gieli raw l-ommhom u lill-akkuzat fis-sakra.

Tkompli tixhed li setghet tinnota li t-tfal kellhom riha tinten fuqhom u li rigward dan l-omm spjegat li stante li damu barru l-lejl ta' qabel ma kellhiex cans tahsilhom. Tixhed ukoll li l-omm stqarret li taf li d-dar mhijiex fl-ifjen stat ghal dak li ghandu x'jaqsam l-igene izda li kien tort tal-akkuzat stante li dahhal kelba li kontinwament taghmel herba. Tghid li meta l-akkuzat gie mistoqsi dwar il-feriti li sofriet t-tarbija f'rasha hu insista li meta bdiet tibki -Omissis- kienet ommha li bdiet tghajjat maghha. Jistqarr li kienet -Omissis- li tefghet lit-tarbija lura fil-cot u kien ghalhekk li t-tarbija ma baqghetx ticcaqlaq u kellha tissejjah ambulanza. Tghid li meta l-akkuzat gie mistoqsi dwar il-ksur

f'saqajha stqarr li ma kienx jaf kif seta' sehh dan izda li -Omissis- kienet qaltlu li x'aktarx it-tifla rwiet saqajha mal-cot.

Tixhed li meta -Omissis- giet konfrontata b'din l-istqarrija hi nnegat dak li gie allegat mill-akkuzat u sahansitra nfexxet tghajru giddieb. Izzid tghid li kien hawnhekk li -Omissis- wriet filmat tal-akkuzat waqt li kienu qeghdin mal-hbieb ghal festa ta' -Omissis- flimkien mat-tfal u li l-istess akkuzat Josef Vincenti kien fis-sakra u taht l-influenza tad-drogi. Tkompli tghid li ffacjat b'din l-evidenza l-gdida l-akkuzat ammetta li kien hu li refa' u waddab lit-tifla fil-cot u dan wara li gew lura mill-festa. Jghid li dak il-hin kien ghadu fis-sakra u kien anke abbuza mid-drogi fosthom kokaina u l-haxixa. Xhin sehh l-allegat incident hu nizel fi stat panikuz fil-kcina hdejn -Omissis- stante li kienet qieghda ssajjarlu xi haga.

Izzid tghid li stante li Dr Mariella Mangion baqghet issegwi t-tfal wara li l-omm u l-akkuzat gew arrestati gie konkluz mill-istess Dr Mangion li t-tifla harget mill-isptar u kien hemm probabilità li ser ikollha disghin fil-mija (90%) cans ta' *mental* u *physical development retardation*.

Xehed **Dr Mario Scerri** li jghid li t-tarbija -Omissis- ddahhlet l-isptar fit-tnax (12) ta' Settembru 2014 u dan wara li gimaghtejn qabel kienet giet invistata fl-isptar. Jghid li dakinhar tat-tnax (12) ta' Settembru 2014 it-tarbija kellha nefha f'riglejha filwaqt li tirremetti wkoll. Izid jghid li l-istess tarbija kellha letargija u li l-X-rays kienu qeghdin juru frattura fid-distil u fit-tarf ta' isfel tal-*femur* tal-lemin. Jghid ukoll li meta sehh CT scan irrizulta li kien hemm fratturi fis-*subdural hematoma*. Jippreciza li dawn huma lezjonijiet ta' natura gravi u l-istess lezjonijiet mhumiex accidentali. Jixhed ukoll li t-tarbija kienet fi stat hazin izda maz-zmien tjiebet.

Ikompli jixhed li hu kien gie inkarigat minn din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex jevalwa liz-zewg (2) ahwa u fil-fatt dan sehh fis-sittax (16) ta' Settembru 2014. Jixhed li -Omissis- kellu ftit tbengil filwaqt li kellu cikatrici fuq is-*supra orbital ridge* tal-lemin. Meta saqsa lill-missier dwar din ic-cikatrici l-missier ma kienx kapaci jwiegeb. Izid jghid li rigward cikatrici ohra li tinsab fuq l-irkoppa dan kien sehh meta l-istess -Omissis- kien waqa' fuq landa tal-fazola meta kien zghir. Jikkonferma li kien anke ezamina lil hu -Omissis- u cioè -Omissis- li kellu daqsxejn tbengil.

Izid jghid li meta ghamel l-indagini tieghu skopra li -Omissis- kien iddahhal l-isptar fis-sena 2010 stante frattura fil-kranju tieghu.

Inkontroezami jghid li ma kienx involut fl-incident ta' gimaghtejn ilu stante li ma gie ssuspettat xejn hazin. Izid jghid ukoll li kien probabbli li t-tbengil fil-parti tal-*femur* seta' sehh tlett (3) ijiem qabel li sehh l-allegat reat u dan stante wkoll li l-omm kienet qalet li nnutat nefha fl-irkoppa tat-tarbija tlett (3) ijiem qabel.

Xehdet **Dr Mariella Mangion** li tghid li hi tahdem bhala pedjatra gewwa l-isptar Mater Dei u li r-rwol taghha huwa fi hdan *Child Protection* kif ukoll *Social Peadiatrics*. Tghid li meta jkun hemm kazijiet griehi non-accidentali l-isptar hi tigi kkonsultata. Tixhed li kienu kkomunikaw maghha fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena 2014 u giet infurmata li ddahhlet tarbija ta' ghaxar (10) xhur gewwa l-isptar u li kien hemm suspett li l-griehi kienu non-accidentali. Izzid tghid li hi rat lit-tarbija ghas-saghtejn ta' wara nofsinhar u li kienet infurmata li ssejhet ambulanza fis-sebgha u nofs ta' filghodu. Tixhed li t-tarbija kienet *semi-concious* meta waslet l-isptar u kien gie nnutat li kellha nefha kbira fuq in-naha tax-xellug ta' rasha u nefha fil-kuxxtejn fuq in-naha tal-lemin.

Irrizulta minn X-ray li t-tarbija kellha ksur fil-*femur* fuq in-naha tal-lemin, tbengil fuq l-irkoppa tax-xellug, ksur fuq in-naha tax-xellug tar-ras kien hemm demm kemm fuq in-naha tal-lemin kif ukoll fuq in-naha tax-xellug u demm bejn l-iskutella tar-ras u l-mohh (u cioè *subdural haemorrhage*).

Tkompli tixhed li t-tarbija kellha anke demm fir-retina taz-zewg (2) ghajnejn u ghalhekk meta wiehed iqis dan kollu hi setghet tikkonkludi li dan kollu kien indikattiv ta' abbuz ta' *head trauma*. Tixhed li tipikament dan isehh wara *shaking injury* u eventwalment impatt li jirrizulta fi frattura. Izzid tghid li l-frattura tas-saqajn ma tafx kif giet ezattament. Fuq dan tghid li l-omm spjegat li kienet rat in-nefha xi tlett (3) ijiem qabel. Tghid ukoll li t-tarbija kienet gravi dak il-hin li ddahhlet però wara erbgha u ghoxrin (24) siegha gie stabbilit li kellha bzonn tghaddi minn operazzjoni ghal saqajha filwaqt li kellha bzonn tinghata d-demm.

Tghid li l-inkarigu li nghatat mill-Magistrat Inkwerenti kien sabiex tara wkoll iz-zewg (2) ulied tal-omm -Omissis-. Tixhed li hi rat dawn it-tfal dakinhar stess flimkien mal-Ispettur Sylvana Briffa u haddiema socjali tal-Agenzija Appogg bl-isem ta' Amanda Muscat.

Izzid tghid li hi kellmet lit-tfal u cioè -Omissis- u -Omissis-. Tixhed li t-tfal qalulha kienu jghixu ma' ommhom u li flimkien maghhom kien jghix l-akkuzat Josef Vincenti li kien ikun fis-sakra. Izzid tghid li t-tfal qalulha li ommhom kienet tkun fis-sakra wkoll filwaqt li anke kienet taghtihom xi daqqa ta' harta izda ma semmewx jekk hux fuq rashom jew fuq wicchom. Tghid ukoll li qalulha li darba minnhom l-akkuzat kien gara barmil ilma bis-silg. Izzid tghid ukoll li -Omissis- spjega kif darba minnhom -Omissis- laqat lil -Omissis- b'gugarell u kawza t'hekk it-tarbija ddahhlet l-isptar ghall-osservazzjonijiet.

Izzid tghid li fis-sena 2009 jew 2010 -Omissis- kienet iddahhlet l-isptar minhabba frattura fil-kranju izda tant kienet irqiqa li ma hemmx certezza jekk kinitx accidentali jew le. Tixhed li mill-analizi taghha setghet tikkonkludi li kemm -Omissis- kif ukoll -Omissis- kienu jghixu fi stat hazin ghal dak li ghandu x'jaqsam l-igene. Tghid li perezempju kienu jintnu kif ukoll kellhom dufrejhom mahmugin. Tikkonkludi li t-tarbija -Omissis- kellha gerha non-accidentali u dan rizultat ta' dak li jissejjah *shaken baby syndrome*. Tixhed li dan kollu gie redatt f'rapport esebit u mmarkat bhala Dok. MM1.

Inkontroezami tghid li l-frattura li kienet hemm tlett (3) ijiem qabel l-allegat reat ma kellhiex *callus formation* u ghalhekk wiehed jista' jghid li din kienet ilha hemm madwar sebat (7) ijiem. Izzid tghid li hi ma kinitx involuta meta -Omissis- kellha gerha kawza tal-gugarell li waddab -Omissis- stante li kienet accidentali. Tixhed ukoll li meta nvistat lit-tarbija hi nnutat li l-izvilupp taghha hu wiehed li jaqbel mal-età taghha izda ma tistax tghid jekk fil-futur hiex ser ikollha *mild learning disability*.

Xehdet **Amanda Muscat** li hija stazzjonata gewwa l-Appogg u tghid li fit-tnax (12) ta' Settembru 2014 kienet rat it-tifla minuri -Omissis- u dahlet l-isptar wara li gara l-incident. Tghid li hi bdiet issegwiha minn hemmhekk u li m'ghamlitx ma kuntatt mal-akkuzat Josef Vincenti. Tghid ukoll li l-kaz ta' din it-tarbija ghadda f'idejn is-socjetà *Looked After Children*. Izzid tixhed li fit-tnax (12) ta' Settembru 2014 hi wettqet spezzjoni fid-dar fejn kienet tirrisjedi l-minuri -Omissis-. Innotat li d-dar kienet fi stat hazin hafna ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-igene. Tixhed li kien hemm prezenti hmieg tal-kelba, irmied ta' sigaretti kwazi f'kull kamra u ikel immuffat. Tikkonferma li t-tifla minuri -Omissis- qieghda taht ordni tal-harsien u li qieghda toqghod go istitut tat-tfal.

Inkontroezami tixhed li ghamlet kuntatt mal-omm u li ma kellhiex raguni biex tkellem lill-akkuzat.

Xehed PS 404 Paul Camilleri li jghid li fit-tnax (12) ta' Settembru 2014 gie mahtur mill-Magistrat Dr Charmaine Galea fejn fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Edel Mary Camilleri u l-Ispettur Sylvana Briffa acceda gewwa l-fond numru -Omissis- fejn kienet tirrisjedi -Omissis- bin-numru tal-identità -Omissis- u kien ha xi ritratti liema ritratti gewipprezentati tramite rapport immarkat bhala Dok. PC1.

Xehdet Amabel Tonna li tghid li hi qatt ma kellha kuntatt mal-akkuzat Josef Vincenti ghajr ghal meta kellha l-ewwel laqgha gewwa Mater Dei fejn tkellmu dwar in-natura tal-griehi li kellha l-vittma minuri. Tghid li wara dik il-laqgha ma baqghetx involuta iktar il-ghaliex kienu zewg (2) social workers u ghalhekk kienet il-kollega taghha li baqghet issegwi l-kaz u cioè Amanda Muscat.

Regghet xehdet Dr Mariella Mangion li tikkoregi ruhha fis-sens li kien -Omissis- li dahal l-isptar u mhux -Omissis-. Tixhed li dan gara meta l-istess -Omissis- kellu hdax (11)-il xahar. Izzid tghid

li dan kien jirrigwarda frattura f'rasu u cioè *pin liner parietal fracture* li hija frattura accidentali. Ipprezentat rapport dwar dan immarkat bhala Dok. MM2.

Xehed **Dr Jeffrey Bonnici** li jghid li hu kien tabib gewwa l-Emergenza fil-lejl ta' bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Settembru 2014 u li l-involviment tieghu fil-kaz de quo kien li nvista lit-tarbija -Omissis-. Jixhed li t-tarbija kienet qieghda ssofri minn daqqiet f'rasha u li kellha xi tbengil f'rasha. Izid jghid li kellha l-habba tal-ghajn tan-naha tax-xellug kienet ikbar minn dik tal-lemin. Jikkonferma li seta' jinnota li l-istess vittma minuri kellha tbengil fuq saqajha li fil-fatt kien ksur tal-ghadma tan-naha tax-xellug u cioè tal-*femur*. Izid jixhed li wara li wettqu CT scan fuq it-tarbija sabu li kellha ksur f'rasha kif ukoll demm f'rasha u ghalhekk kienet fil-periklu tal-mewt.

Mistoqsi inkontroezami jekk il-ksur fis-sieq kienx ksur antik jew ricenti x-xhud jghid li l-X Ray li hadu kien qieghed juri ksur skompost tal-ghadma u cioè tal-*femur* ftit qabel l-ghaksa. Jghid li dan kien jidher li ma kienx ksur gdid stante li t-tbengila madwar

is-sieq kienet digà sfaret mhux hazin. Jixhed li dan ifisser li jkun lahaq ghadda tmintax (18)-il siegha minn mindu jsehh il-ksur.

Xehed <u>Dr Steven Farrugia Sacco</u> li kien gie nominat fl-inkjesta Magisterjali li b'kollox kien inghata tliet (3) mobiles. Jixhed li minn cellular wiehed (1) irnexxielu jigbed l-informazzjoni mitluba. Izid jghid li minn mobile tal-ghamla *Nokia* irnexxielu jestratta filmat liema filmat gie analizzat u inkluz fir-rapport tieghu. Jixhed ukoll li t-tielet (3) mobile tal-ghamla *Samsung Galaxy* kellu screen mhux qed jahdem sew u li ghalhekk ikollu bzonn iktar zmien biex jiehu l-informazzjoni li ghandu bzonn. Ipprezenta rapport dwar dan kollu mmarkat bhala Dok. SFS1.

Xehed <u>Dr Malcolm Caruana</u> li hu kien ra lit-tarbija -Omissis- fit-tnax (12) ta' Settembru 2014. Jghid li hu ma sabx record ta' meta hu nvista lit-tarbija. Izid jghid li hu kien jahdem fl-Emergenza però ma jiftakarx x'tip ta' shift kellu dakinhar.

Xehed il-vittma minuri **<u>-Omissis-</u>** li huwa t-tifel ta' -Omissis-. Jixhed li hu jghix ma' ommu gewwa l--Omissis- flimkien ma' ohtu -Omissis- u ma' huh -Omissis-. Jippreciza li missieru -Omissis-

jghix god-dar tieghu ghalih. Jixhed li kien hemm darba minnhom li mar il-festa ta' -Omissis- u li ma kienx ha gost stante li kien hemm xi glied bejn it-tfal ta' terzi. Ikompli jixhed li hu mar flimkien mal-akkuzat, ma' ommu, -Omissis- u -Omissis-. Izid jghid li l-akkuzat kien qieghed jisker kontinwament u kawza ta' hekk kellhom idumu hafna sabiex jingabru lura d-dar stante li kellu jkun l-akkuzat li kellu jsuq. Jixhed li waqt il-festa kien qaghad jilghab ma' tfal ohra gewwa parkegg tal-karozzi u dan fil-prezenza ta' ommu u l-akkuzat li kien qieghed jixrob il-whiskey.

Ikompli jixhed li meta marru lura d-dar hu dahal jorqod gol-kamra tas-sodda flimkien ma' huh. Jghid li ohtu torqod go cot tal-injam fil-kamra tas-sodda tal-omm -Omissis-. Izid jghid li ommu qaltlu li l-akkuzat wegga' lil -Omissis-. Jixhed li l-akkuzat kien is-sieheb ta' ommu izda ma kienx jiehu hsiebu. Jixhed li l-akkuzat ma kienx jerfa' lil ohtu b'mod li jweggaghha. Jixhed li ma jiftakarx x'kien jaghmel l-akkuzat meta kienet tibki -Omissis- izda zgur ma kienx jirrabja. Jixhed li hu joqghod jilghab ma' ohtu waqt li tkun qieghda tara l-programm "*SpongeBob*". Ikompli jixhed li darba minnhom huh -Omissis- laqat lil ohtu f'rasha bi stilla tal-plastic waqt li hi

kienet fuq il-highchair. Hekk kif sehh dan l-incident mar jghid l-ommu -Omissis- li da parti taghha hadet lit-tifla l-isptar.

Ikompli jixhed li god-dar kien ikun hemm pitbull bl-isem ta' Maja li sidha huwa l-akkuzat. Jghid li din il-kelba kienet qatlet zewgt iqtates. Izid jghid li din il-kelba kellha habta tkisser kull m'hemm u sahansitra anke thammeg kullimkien god-dar. Jixhed li ommu kienet thossha skomda tghid lill-akkuzat biex inehhi l-kelba. Jixhed li rigward ommu hi kienet issajrilhom ghagin dejjem. Izid jghid li hu kien jaghmel il-crafts ma' ommu u li kien joqghod jara l-film "*Up*" maghha wkoll. Jixhed li mhux dejjem kienu jieklu filghaxijiet u li mhux dejjem kienu jinhaslu izda ommu kienet tghidlu konsistentement biex jinhasel meta johorgu biss.

Rega' xehed **Dr Stephen Farrugia Sacco** li jghid li wara li pprezenta r-rapport tieghu din il-Qorti kienet estendiet l-inkarigu tieghu a rigward mobile li ma kienx qieghed jahdem. Jixhed li rnexxielu jsewwi l-mobile kkoncernat u li l-analizi tieghu gie redatt f'rapport immarkat bhala Dok. SFS2.

Xehed **l-Ispettur John Spiteri** li pprezenta c-certifikati tat-twelid ta' -Omissis-, ta' -Omissis- kif ukoll ta' -Omissis-.

Xehed **Dr John Seychell Navarro** li ipprezenta relazzjoni tal-assi tal-akkuzat Josef Vincenti mmarkat bhala Dok. JSNa u Dok. JSNb.

Regghet xehdet **Dr Mariella Mangion** li kienet mitluba sabiex tezamina lill-vittma minuri sabiex tevalwa jekk sehhx xi hsara jew difett permanenti fil-mohh tal-vittma minuri -Omissis- stante li f'Settembru tas-sena 2014 kienet sofriet minn ksur. Tixhed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena 2016 fil-prezenza ta' ommha hi nvistat lit-tifla. Izzid tghid li l-ksur fil-kranju fieq kif ukoll id-demm go rasha. Tkompli tixhed li a rigward l-izvilupp mentali tal-vittma minuri hi tidher li qieghda tizviluppa normali. Tixhed li hemm difett permanenti fis-sens li tezisti cikatrici twila u fonda kawza tal-operazzjoni li kellhom iwettqu t-tobba fuqha. Tali analizi gie redatt f'zewg (2) rapporti mmarkati bhala Dok. MMX u Dok. MMY.

Xehdet **-Omissis-** bis-sistema awdjoviziva li tghid li t-tifla taghha -Omissis- kellha tiddahhal l-Isptar wara li kienu qeghdin il-festa

ta' -Omissis-. Tghid li d-data meta sehh dan l-incident kienet it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena 2014. Tixhed li dakinhar kienu qeghdin il-bandli stante li l-akkuzat Josef Vincenti ma kienx f'kundizzjoni li jsuq u dan stante li kien qieghed ipejjep is-sigaretti tal-kannabis. Izzid tghid li wara ftit saqu lura d-dar u li meta waslu l-akkuzat kellu l-guh. Tkompli tixhed li dahhlet lit-tifla torqod fil-cot taghha tal-injam biswit is-sodda taghha. Nizlet isfel issajjar u waqt li kienet qieghda tipprepara l-ikel nizel l-akkuzat u flimkien telghu fil-kamra tas-sodda. Tixhed li hi nnutat lit-tarbija taghmel certu hsejjes li ghall-ewwel ma tantx kienu ta' nkwiet. Tkompli tghid però li xhin xeghlet id-dawl rat li t-tifla kellha kulur differenti. Tixhed li ghalhekk cemplet l-ambulanza u li sakemm kienet qieghda tistenna ghall-istess it-tarbija rremettiet fuqha.

Tkompli tixhed li meta hadet it-tarbija l-isptar hi bdiet issostni li hi ma kienet taf b'xejn stante li ma kinitx fil-kamra tat-tarbija. Izzid tghid li eventwalment gie l-akkuzat l-isptar. Tghid li eventwalment saret taf li t-tifla -Omissis- kellha ksur f'rasha kif ukoll f'saqajha u li hi ma kienet taf b'xejn. Tixhed ukoll li eventwalment semghet minghand l-ispetturi ufficjali li l-akkuzat seta' rregistra ammissjoni meta ttiehdu gewwa d-depot. Tghid li t-

tifla -Omissis- hija t-tifla naturali taghha u mhux tal-akkuzat. Izzid tghid li hi u l-akkuzat kienu ilhom jirrisjedu flimkien ghal madwar xahar filwaqt li kienu ilhom f'relazzjoni madwar xahrejn. Tixhed li l-akkuzat kien jimxi sew kemm mat-tarbija kif ukoll maz-zewgt itfal -Omissis- u -Omissis-.

Tixhed li dan it-tipjip ma kienx isehh gewwa d-dar u li dik id-darba li ratu jpejjep ma kinitx normali li jpejjep quddiem it-tfal. Izzid tghid li l-akkuzat kien jiffrekwenta post fejn kien jipprattika d-delizzju tas-snooker u li dan kien ikun mis-sebgha ta' filghaxija 'l hemm. Rigward it-tarbija -Omissis- tghid li llum il-gurnata tinsab f'kundizzjoni tajba hafna bhala sahha. Tghid li kull ma hemm vizibbli hija cicatrici. Tixhed li wara l-allegat incident qatt ma regghet rat lill-akkuzat ghajr gewwa l-Qorti. Inkontroezami tikkonferma li ttiehdu proceduri fil-konfront taghha u li tali proceduri kienu jirrigwardjaw dak il-lejl li sehh l-allegat reat u li kienet instabet pozittiva ghas-sustanza tal-kannabis. Tikkonferma wkoll li dawk il-proceduri ntemmew u li kienet inghatat sena probation.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et*

*u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li whud mill-allegati reati kkommettihom l-imputat odjern u dan ghaliex jirrizulta li hemm ezistenti diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

**IKKUNSIDRAT**

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi cirkostanzjali mressqa mill-prosekuzzjoni kif ukoll fuq ix-xhieda ta' -Omissis-. Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, lokalment ghandna gurisprudenza varja li tghallimna dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk –

*"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk*

*fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.***

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is*

*that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent[1]**. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi ghaldaqstant m'hemmx dubju illi ghalkemm il-minuri -Omissis- kien ta' età zghira meta ta x-xhieda tieghu, din il-Qorti, hadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesti mil-ligi u cioè li tali xhud ikun jaf l-importanza li jghid il-verità shiha, u ghalhekk kienet sodisfatta illi l-istess minuri fiehem li ried jghid tali verità.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-imputat inizjalment gie akkuzat bir-reat t'attentat ta' omicidju volontarju fil-konfront ta' -Omissis- izda l-Qorti tinnota li l-Avukat Generali fin-nota taghha datata tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru tas-sena 2020 hass li tali reat ma huwiex applikabbli fil-kaz odjern u ghalhekk din il-Qorti mhix sejra tqis din l-istess akkuza izda r-reat ta' offiza gravi.

[1] Emfazi tal-Qorti

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-imputat Josef Vincenti qieghed jigi akkuzat bir-reat kif dettat mill-Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Kull min, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew igibilha disordni f'mohhha, ikun hati ta' offiza fuq il-persuna."*

Illi l-Kodici Kriminali tkompli taghmel distinzjoni bejn offiza ta' natura gravi kontemplata bl-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 u l-offiza ta' natura gravissima kontemplata bl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rigwardanti l-ahhar offiza referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 216(1)(a)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin -*
>
> *a). jekk tista' ggib periklu -*
>
> *i. tal-hajja;"*

Illi fin-nota taghha datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru, 2020 l-Avukat Generali elenka l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala wiehed mid-dispozizzjonijiet li biha din il-Qorti ghandha ssib htija fl-akkuzat. Tali artikolu jghid hekk:

*"(1) L-offiza gravi hija punibbli bil-prigunerija minn hamsa sa ghaxar snin –*

*a. jekk tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh;*

*b. jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz;*

*…*

*(2) Id-debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem, u l-marda tal-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk."*

Illi rigward din id-dispozizzjoni tal-ligi referenza qieghda ssir ghall-konkluzjoni fir-rapport a fol. 117 sa 119 kif prezentat mix-xhud Dr Mario Scerri fejn l-offiza ezaminata kienet wahda klassifikata bhala wahda gravi. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda viva voce moghtija minn Dr Jeffrey Bonnici fejn sahansitra jghid hekk fid-dettall:

*"Xhud:* *Mela t-tarbija kienet qed issofri minn daqqiet f' rasha, kellha xi tbengil f' rasha kellha l-habba tal-ghajn tan-nahha tax-xellug kienet ikbar minn nha tal-lemin, ukoll indunajna li kellha xi tbengil fuq saqajha li wara rrizulta li kien ksur tal-ghadma tan-naha tax-xellug, tal-femur biex nifthiemu li hija l-ghadma bejn il-hip u l-ghaksa.* ***Infurmajt lill-anestatista peress li t-tarbija dahlet tirremetti u kien hemm il-biza' li titlef l-airway, kellha bzonn suctioning qabel ma dahlet l-isptar u meta hadnielha CT Scan sibna li kellha ksur f' rasha***

*u kellha wkoll demm f' rasha u kienet fil-periklu tal-mewt.*[2]"

Illi huwa minnu li ma kienx hemm xhieda prezenti fil-kamra tas-sodda meta allegatament sehh l-incident tal-kaz *de quo* izda l-Qorti tqis li huwa ormaj ben risaput anke tramite diversi sentenzi[3] tal-Qrati nostrani li analizi retta ta' kwalunke evidenza cirkostanzjali hija krucjali biex twassal lill-Qorti sabiex issib htija o meno.

Illi l-Qorti tqis li minkejja ma kienx hemm xhieda okulari meta sehh l-allegat reat, xorta wahda tista' tikkonkludi li l-akkuzat kien fil-kamra tas-sodda flimkien mat-tarbija u li l-griehi subiti mit-tarbija kienu kawza ta' azzjoni diretta tal-imputat. F'dan ir-rigward referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn -Omissis- meta tghid:

*"Xhud: kif bqajna naqra l-bandli il ghaliex Josef ma kienx qieghed f' kundizzjoni li jsuq lura lejn id-dar, kif wasalna id-dar, qalli li kellu l-guh kif*

[2] Emfazi ta' din il-Qorti

[3] *Repubblika ta' Malta vs George Spiteri* deciza fil-5 ta' Lulju 2002 mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) u *Pulizija vs Cyrus Engerer* deciza fit-8 ta' Mejju 2014 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

*morna fuq. Poggejt it-tifla fis-sodda taghha, dak iz-zmien go, -Omissis- it-tifla jisimha, kellha ghaxar xhur.*

…

*Xhud:* *Kif kont qieghda fil-kcina rajt lil Josef jinzel jigri. Saqsejtu x' kien gara, qalli xejn bazikament u tlajna flimkien fil-kamra tas-sodda. …"*

Illi prova ta' dak li ntqal mill-istess Cordina u li jsostni l-kredibilità tax-xhieda taghha jinsab fir-ritratt esebit a fol. 193 tal-atti processwali b'referenza numru 1414930CFK 111 li juri li l-cooker kien qieghed jintuza hekk kif qalet -Omissis-.

Illi punt li tqajjem tul dawn il-proceduri huwa jekk din il-Qorti ghandhiex tqis l-azzjonijiet tal-akkuzat bhala attentat ta' offiza gravi fuq il-persuna tat-tarbija. Rigward dan referenza qieghda ssir ghal dak li jghid il-**Professur Sur Anthony Mamo** fin-noti tieghu:

*"The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible. As is well known, on a charge of an attempted offence, an intention to commit that particular offence is requisite. Basing themselves mainly on this, several Italian writers (be it noted that the definition of the offence of bodily harm in section 372 of the Italian Code of 1889 is, in substance, identical with that of Section 228 of our Code) maintained that, in respect of bodily harm, a charge of an attempt is impossible: the responsibility of the agent may only be assessed by relation to the effect actually produced.*

*But this doctrine was not, generally speaking, accepted by Italian tribunals which admitted the possibility of a charge of an attempted bodily harm more serious than that in fact caused. The contrary opinion raises to the status of a general rule what is merely in particular cases (may be*

*numerous) simply a difficulty in evidence*[4]*. Looking at the classification of offences as made by the Law it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than another of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply: "in dubio pro reo". Of course, if the result actually produced is punishable with a higher punishment than the attempt of the result intended, nothing will prevent the prosecution from preferring the charge liable to the higher punishment.*

*So far as is known, whenever the doubt was raised before Her Majesty's Criminal Court, the Court invariably adopted the latter doctrine in directing the jury."*

Illi *di più* din il-Qorti kellha cans tqis il-possibbiltà jekk l-akkuzat ma xtaqx jew ma kellux intenzjoni li jikkawza l-griehi ta' natura

[4] Emfazi ta' din il-Qorti

gravi fuq it-tarbija. Dwar dan **il-Professur Sur Anthony Mamo** wkoll huwa car fin-noti tieghu:

> *"But it must be noted that, according to our law, the intent in wilful homicide need not be positively that of "killing" (animus necandi). It is sufficient if the intent is to "put the life of another person in manifest jeopardy". Where the intent is "to kill", the intention is direct. Where the intent is "to put the life of another in manifest jeopardy", the intention is positive indirect. The law has considered that from the point of view of wickedness, having regard to the consequences ensuing, there is nothing to distinguish between a man who with the positive clear intent of killing proceeds to do an act which in fact causes death, and the man who, although without positively desiring to kill, yet does an act which inherently and obviously is likely to kill and in fact causes death. The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness whether death, clearly foreseen as probable, shall ensue or not, is properly treated by the law on the same footing as the positive intention to kill. Every man must be presumed to intend*

*the obvious and natural consequences of his voluntary acts: "dolus indeterminatus determinatur ab exitu". In English law also, intention only to hurt - and not to kill - but to hurt by means of an act which is intrinsically likely to kill is considered sufficiently wicked to constitute murderous malice."*

Illi maghdud ma' dan referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija mill-espert mahtur Dr Mario Scerri u li fir-rapport tieghu jikkonkludi hekk:

*"10. Illi dawn il-lezjonijiet huma findings tipici ta' shaken baby syndrome u ghalhekk gie kkonfermat illi* ***dawn il-lezjonijiet ma kinux lezjonijiet accidentali izda non-accidentali***[5]*;*

*11. Illi dawn il-lezjonijiet certament huma ta' natura gravi;"*

Illi certament din il-konkluzjoni ma tipproducix kif jghid il-Professur Sur Anthony Mamo "*a difficulty in evidence*" filwaqt li juri

[5] Emfazi ta' din il-Qorti

li l-akkuzat messu kien jaf li tarbija ta' ghaxar (10) xhur tista' tkun suxxettibbli ghal feriti gravi bl-azzjonijiet tieghu.

Illi jirrizulta li l-Qorti ssib konfort li l-akkuzat kien prezenti fil-kamra fejn sehh l-incident u li kellu x'jaqsam hu direttament fl-incident li sehh fit-tnax (12) ta' Settembru 2014.

Illi ghar-rigward l-akkuza taht l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Liam Spiteri*** deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena 2024 fejn jinghad hekk:

> *"Fis-sistema legali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Fortunato Sultana tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija*

*dispozizzjoni. Il-permanenza tal-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghall-espozizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir riferenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jonathan Farrugia fejn oltre s-sentenza citata saret riferenza ghal-diversi sentenzi ohra fosthom dik Il-Pulizija vs. Antonio sive Anthony Randich tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:*

> *"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment*

> *tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

*Dik is-sentenza ccitat ukoll dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Francis Dingli tat-12 ta' Settembru 1996 fejn intqal hekk:*

> *""L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b) … L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in*

*kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga' nghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bħala sfregju.""*

Illi fuq dan il-punt referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn Dr Mariella Mangion a fol. 129 tal-atti processwali meta inkontroezami wiegbet hekk:

*"Difiza: U x' tista' tghidilna? Ha jibqalha xi permanent ....*

*Xhud: Mela, li nistghu nghidu at this point ghandha l-grows development, il-milestones, il-grows, l-over all development which is appropriate, huwa age appropriate. But, what we do not know, hux ha jkun hemm xi higher function*

*mild problems, so things like maybe mild learning disability.*

*Difiza:* *Pero` f' dan l-istadju ma tistax tikkonfermah?*

*Xhud:* *Le, ghax dan iz-zmien ha jurina but definitely jekk ha johorgu 'l quddiem, zgur mhux ser inkun sorpriza."*

Illi maghdud ma' dan riferenza qieghda ssir ukoll ghax-xhieda moghtija minn omm it-tarbija -Omissis- a fol. 943 tal-atti processwali fejn tixhed dan li gej:

*"Qorti:* *Qed isaqsuk illum il-gurnata t-tifla minn wara l-incident kif inhi*

*Xhud:* *It-tifla nista' nghid li hija ghal grazzja t' Alla dejjem, intelligentissima, saqajha timxi sew, tigri igifieri, kull m' ghandha just a scar. Ma tiftakar xejn mill-incident u meta ssaqsini fuq ghalfejn ghandha dik l-iscar dejjem ikollna risposta igifieri adegwara, pero` specjalment minn mohhha intelligentissima hafna t-tifla"*

Illi dawn iz-zewg testimonjanzi jaghtu lil din il-Qorti stampa cara tal-izvilupp tal-vittma minuri u l-effett li l-allegat incident kellu fuqha. Il-Qorti ghalhekk issib konfort tghid li l-Artikolu 218 m'ghandux ikun applikabbli ghall-kaz *de quo*.

Illi rigward il-kuncett ta' dak li jissejjah "*shaken baby syndrome*" jinghad hekk[6]:

> *"The brain is encased in three membranes. The one immediately surrounding the brain is the pia mater. The next one is the arachnoid. Between the pia and the arachnoid is the subarachnoid space. The third membrane, surrounding the brain and continuing down the body surrounding and protecting the spinal cord is the dura. Between the dura and the arachnoid is the subdural space, as well as veins running between the two membranes called bridging veins.*
>
> *Generally, cases where NAHI is alleged depend on a trilogy of findings of intracranial injuries (the triad) consisting of:*

[6] ***Non Accidental Head Injury Cases (NAHI, formerly referred to as Shaken Baby Syndrome [SBS]) - Prosecution Approach -*** https://www.cps.gov.uk/legal-guidance/non-accidental-head-injury-cases-nahi-formerly-referred-shaken-baby-syndrome-sbs

- *Encephalopathy (defined as any disease of the brain affecting the brain's function)*
- *Subdural haemorrhages (bleeding in the subdural space); and*
- *Retinal haemorrhages (bleeding within the retina).*

*Whilst not entirely understood, the mechanism for these injuries is thought to be the shaking of the infant, with or without impact on a solid surface. This moves the brain within the skull, damaging the brain and shearing the bridging veins between the dura and the arachnoid and sometimes causing retinal haemorrhages. Nevertheless, despite medical uncertainty surrounding the mechanism, the triad of injuries is a strong medical pointer to the infliction of NAHI [Non-Accidental Head Injury]."*

Illi referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Gurisdizzjoni Superjuri) fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs Rotimi Williams Akande*** deciza fit-tnax (12) ta' Gunju 2019:

*"50. For this Court what is relevant at law is whether the injuries sustained by the child were of such a nature as to lead to the wilful (dolo) nature of the offence. Furthermore, a thorough examination of the circumstances surrounding the symptoms diagnosed is vital in order to infer the intention of the person accused with inflicting the injuries.*

*51. In the case in re **<u>R vs Harris and others</u>** (2005 EWCA Crim 1980) which dealt with convictions based on the shaken baby syndrome, the Criminal Division of the Court of Appeal in the United Kingdom stated:*

> ***"We turn then to the inferences which it is proper to draw. We do so with great caution, mindful both of the gravity of the matter and that (as already underlined) the mere presence of the 'triad' does not automatically or necessarily lead to a diagnosis of NAHI and/or a conclusion of unlawful killing. All the facts of the individual case must be taken into account."***

***52. This assertion is well-founded in that it is not the duty of the Court to establish whether the diagnosis of non-accidental head trauma or shaken baby syndrome is correct from a medical point of view but whether from all the evidence of the case it is both legally and factually justifiable to infer that the accused being the sole carer of the minor child could have caused such an injury and whether the intention to harm or kill is proven.***

…

*55. These findings taken all together lead to the conclusion of fact that an extreme force must have been applied to the child on the right hand side of the head thus causing the resulting severe trauma to the brain. Not only but also in the incident of the 3rd April and in the preceding days, it can be safely concluded that external force was exerted on the child and this from the injuries diagnosed relating to this period of time.*

> ***"The clinical history is perhaps the most important clinical tool available to the clinician and to reject the carer's version of events in favour of another requires the highest possible level of medical evidence. After all, the Doctor is effectively accusing the carer of lying.[7]"***

…

*What is proven and this beyond a reasonable doubt is that in both incidents the minor child suffered injuries which were compatible with non-accidental trauma resulting from the use of force and this when the child was in the sole care of appellant from which the Court can infer his generic intention to harm the child, such evidence, however being insufficient to point towards the positive intention whether direct or indirect to kill.*

*57. In re **R v Stacey** [2001] EWCA Crim 2031, a "shaking" case, the Court said thus:*

[7] www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC2066025/

*"48. Other grounds of appeal having been examined, and in the end abandoned, that leaves only the question of whether the jury was entitled to find that she intended to do really serious harm. We are troubled about that. One brief period of violent shaking by a frustrated mother and child-minder was all that was required to explain this death. Apart from the bruises to the neck, no other injuries were found. As the judge said, an intent to do serious bodily harm may be quickly formed and soon regretted; but so may a less serious intent, simply to stop a child crying by handling him in a way any responsible adult would realise would cause serious damage or certainly might do so. That would only provide the mental element necessary for manslaughter.*

*49. Even allowing for the jury's obvious advantage in seeing the appellant give evidence, we have been unable to discern anything which, in our judgment, would have made it safe for the jury to convict this*

> ***appellant of the more serious charge. In our judgment, the less serious charge was the only safe verdict. If the jury had had the additional benefit of hearing the fresh medical evidence we have heard, they might well have come to the same conclusion."”***

Illi fil-kaz *de quo* hareg bic-car tipi ta’ feriti li huma abbinati ma’ dak li jissejjah “*baby shaken syndrome*”. Di fatti x-xhud Dr Mariella Mangion ikkonfermat li l-vittma minuri kellha demm fir-retina taz-zewg (2) ghajnejn. Dan huwa fatt li anke gie kkonfermat mix-xhud Dr Jeffrey Bonnici li nvista l-vittma minuri. Maghdud ma’ dan il-Qorti tinnota li element iehor tat-“*triad*” li huwa sinonimu ma’ “*baby shaken syndrome*” huwa l-prezenza ta’ *subdural haemorrhage* haga li giet ikkonfermata minn Dr Mariella Mangion.

Illi ghalhekk din il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-istess Dr Mario Scerri u sejra ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat bil-mohqrija u traskuragni tat-tfal taht it-tnax (12)-il sena u dan hekk kif dettat mill-Artikolu 247A(1) kif promulgat bl-Att III tas-sena 2002:

*"Kull min ikollu r-responsabbilita` ta' tifel taht it-tnax-il sena u b' atti persistenti ta' ghemil jew ta' nuqqas ta' ghemil jahqar lit-tifel jew igieghel jew jippermetti l-mohqrija tat-tifel b' mezzi simili, jehel, meta jinsab hati, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat aktar gravi taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn."*

Illi l-kuncett tal-"mohqrija" hija kkwalifikata mis-subartikolu 2 tal-istess Artikolu 247A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Ghall-finijiet tas-subartikolu (1), mohqrija tinkludi li wiehed jittraskura lit-tifel fil-bzonnijiet tieghu ta' nutrizzjoni adegwata, ta' lbies adegwat, ta' kenn adegwat, u ta' protezzjoni adegwata biex ma tigrilux hsara, li wiehed persistentement joffendi d-dinjita` u l-karattru tat-tifel b' mod gravi u li wiehed persistentement jimponi fuq it-tifel*

*xoghol mhux adattat ghall-eta` tieghu jew xoghol fiziku iebes."*

Illi sentenza klassika li tanalizza r-reat taht dan l-artikolu hi dik fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Maryanne Decelis*** deciza fl-erbgha (4) ta' Awwissu 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) li tghid hekk:

*"Skond ma ddikjarat il-Prosekuzzjoni is-sors ta' dan l-artikolu gdid jinsab fil-ligi Ingliza w cioe' ic-Children and Young Persons Act (1933). Section 1 (1) tal-ligi Ingliza tal-1933 titkellem fuq ir-reat kommess minn "any person who has attained the age of sixteen years, and has the custody, charge or care of any child or young person under that age, willfully assaults, ill-treats, neglects, abandons or exposes him to be assaulted, ill-treated, neglected, abandoned or exposed, in a manner likely to cause him unnecessary suffering or injury to health (including injury to or loss of sight, or hearing, or limb, or organ of the body, and any mental derangement)"*

*Umbaghad is-Section (7) kienet tiddisponi li "Nothing in this section shall be construed as affecting the right of any parent, teacher or other person, having the lawful control or charge of a child or young person, to administer punishment to him."*

*Mill-qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi Maltija jemergi li r-reat in dizamina jista' jigi kommess b' diversi modi w cioe' minn min b' atti jew ommissjonijiet persistenti jahqar jew igieghel jew jippermetti l-mohqrija ta' tifel minn haddiehor bl-istess atti jew ommissjonijiet persistenti. It-tieni subartikolu umbghad ikompli jelabora x' tista' tinkludi din il-mohqrija w cioe' li wiehed jittraskura t-tifel fil-bzonnijiet tieghu ta' nutrizzjoni adegwata, ilbies adegwat, kenn adegwat u ta' protezzjoni adegwata biex ma jigrilux hsara. Hawn jidher li l-kelma jittraskura ghandha aktar is-sinifikat ta' ommissjoni li wiehed jaghmel dak li ghandu jaghmel milli ta' xi att involontarju. Finalment ukoll hi inkluza f' mohqrija li wiehed persistentement joffendi d-dinjita' w l-karattru tat-tifel b' mod gravi jew jimponi fuq*

*it-tifel xoghol mhux addattat ghall-eta' tieghu jew xoghol fiziku iebes.*

***Fi kliem iehor, il-gamma ta' atti jew ommissjonijiet li jistghu jammontaw ghall-mohqrija imputabbli tidher ferm wiesgha w tikkomprendi diversi aspetti li jmorru lil hinn mis-swat, kastigi esagerati, eccetera. L-element tal-persistenza jidher ukoll emfasizzat fil-ligi.***[8]*"*

Illi element importanti dwar dan ir-reat hi dik tal-persistenza fir-rigward il-gamma ta' atti jew ommissjonijiet li jistghu jaghtu lok ghall-mohqrija tal-minorenni. Illi fil-kaz *de quo* l-Qorti ghandha quddiemha diversi fatti li jghinuha tasal sabiex issib htija fuq dan ir-reat li sejrin jigu spjegati.

Illi kemm -Omissis- kif ukoll -Omissis- jikkonfermaw li l-akkuzat kien f'relazzjoni mal-istess -Omissis-. Referenza dwar dan qieghda ssir ghax-xhieda moghtija mill-istess -Omissis-:

*"Qorti: Kemm kontu ilkom tghixu flimkien int u Josef?*

[8] Emfazi ta' din il-Qorti

*Xhud:* *Nghixu flimkien ftit inqas minn xahar. Konna ilna naraw lil xulxin xi xahrejn."*

Illi ghalhekk iregi li minkejja l-fatt li t-tfal mhumiex it-tfal naturali tal-akkuzat xorta wahda kienu responsabbilità taghhom. Di fatti hargu diversi xenarji fejn l-akkuzat kien qieghed jagixxi bhala carer fosthom il-fatt li kien wassal lit-tfal bil-karozza tieghu sal-festa ta' -Omissis- u l-fatt li kien jorqod fl-istess kamra tas-sodda fejn kienet tinstab il-cot. Il-Qorti ghalhekk tqis li tali livell ta' intimità anke familjari jgib mieghu certu responsabilità lejn kwalunkwe minuri li kien qed jghix taht l-istess saqaf. Li kieku ma riedx jassumi din ir-responsabilità kien jirrifjuta li jmur jghix ma' -Omissis- u t-tfal taghha mill-ewwel u ghalhekk kien jezimi ruhu minn tali responsabilità.

Illi fuq dan il-punt il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-laqgha numru 102 fil-Kumitat Permanenti ghall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligi nhar is-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena 2001:

*"**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Imma hawnhekk aħna qed nitkellmu dwar responsabbilta` legali jew dwar ir-responsabbilta` li tkun trid tittieħed dak il-ħin?*

***ONOR. TONIO BORG:** Ricentement fl-Ingilterra kien hemm każ ta' koppja mill-Jamaica li ħallew lit-tifla għand oħt l-omm fl-Ingilterra. F'dan il-każ il-boyfriend taz-zija qafilha f'kamra u din spiċċat mietet hemmhekk. Naturalment dan kien każ ta' omiċidju volontarju, imma ejjew ngħidu li din it-tifla ma mititx. Minkejja li fis-sekond'awla ma kienx hemm digriet biex iz-zija jkollha l-kustodja tan-neputija tagħha, din ingħatat il-kustodja tat-tifla bil-kunsens tal-ġenituri tagħha, u fost affarijiet oħra, hi u l-boyfriend tagħha ħarquha bis-sigarett b'mod persistenti. Jien niftakar ukoll każ ta' tifla li daħħlulha rasha fit-toilet u fflaxxjaw. Din it-tifla ma kellhiex bodily harm, u fil-fatt lanqas kellha tbenġila waħda, pero` t-trawma psikoloġika li kellha tgħaddi minnha kienet kbira ħafna. Dawn huma kollha affarijiet li jiġru.*

*...*

***ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO: ... Issa jiena ma nafx jekk l-ghalliema u l-edukaturi l-ohra humiex eskluzi minn dan l-artiklu li qed nitkellmu dwaru[9].***

***ONOR. TONIO BORG:*** *Din ahna hallejnieha generali apposta. Hawnhekk ahna qghadna attenti li ma nghidux li dan ir-reat jista' jikkommettih biss min ghandu l-legal custody ta' dak li jkun imma kulmin ikollu r-responsabbilta` tat-tifel jew tat-tifla. Dan biex jekk, per ezempju, waqt li jkun l-iskola s-surmast isawwat, jahqar lil xi tifel jew tifla partikolari jew inkella jaqfilhom x'imkien b'mod persistenti, dan jigi misjub hati li wettaq reat kriminali."*

Illi huwa evidenti li l-intenzjoni tal-legislatur kien li l-kuncett ta' min ghandu jkun responsabbli ghall-minuri jkollu applikazzjoni wiesgha.

[9] Emfazi ta' din il-Qorti

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam il-mohqrija allegata din il-Qorti tista' tistrieh fuq diversi fatti li gew imressqa. Referenza qieghda ssir ghal dak li kkonkludiet Dr Mariella Mangion fir-rapport taghha a fol. 135 tal-atti processwali:

*"-Omissis- sostniet abbuz fiziku gravi; il-mekkanizmu jidher li huwa ta' "shaken baby syndrome". Mill-CT scan jidher li fil-passat setgha sehh episodju iehor fejn it-tifla giet mhezza u kellha demm madwar il-mohh. Hemm ukoll negligenza fil-konfront tat-tarbija ghaliex l-omm ma gabitx it-tarbija ghall-kura tal-ksur ta' riglejha.*

*L-ahwa -Omissis- u -Omissis- kellhom sinjali ta' negligenza ta' livell serju"*

Illi di più l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn -Omissis- ghar-rigward il-kelba tal-akkuzat:

*"Qorti: Pitbull ta' min hi?*

*Xhud: Ta' Josef, qatlet il-qtates tieghi*

...

*Qorti:* *Kienet tiklilkom kollox jaqaw?*

*Xhud:* *Tkisser ehe.*

*Qorti:* *Tkisser? U kienet thammeg hafna Maja? Fejn kienet tghamel toilet?*

*Xhud:* *Kullimkien."*

Illi ghalhekk tenut kont ta' dawn il-fatti kollha din il-Qorti sejra ssib htija fuq it-tielet (3) imputazzjoni.

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll bil-pussess ta' sustanzi illeciti fosthom kannabis u kokaina u dan taht l-artikoli relattivi fil-Kapitoli 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota li ntqal hafna dwar dan ir-reat minn diversi xhieda izda l-iktar xhud important hija -Omissis- li kienet prezenti mieghu. Din il-Qorti tirrileva però li minkejja dak li qalet l-istess -Omissis- li seta' kien minnu, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-ahjar prova u cioè tfittxija pozittiva tal-prezenza tad-drogi fid-dar fejn sehhew l-allegati reati jew inkella rizultat li juri li l-imputat huwa pozittiv ghas-sustanzi lleciti fis-sistema tieghu sabiex tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju hekk kif tesigi l-ligi kriminali.

Illi din il-Qorti tinnota li dawn il-proceduri damu ma ntemmu peress li kienu qeghdin jistennew li l-proceduri kontra -Omissis- jispiccaw definittivament u ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha kull opportunità sabiex tipproduci tali provi tant krucjali sabiex tinstab htija fuq din l-akkuza.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ser tillibera lill-imputat mir-raba' (4), mill-hames (5) u mis-sitt (6) akkuzi stante nuqqas ta' provi.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-imputat Josef Vincenti qieghed jigi akkuzat taht l-Artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena"*

Illi di più l-imputat gie akkuzat ukoll bl-Artikolu 108(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jahlef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, jehel, meta jinsab hati…"*

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** jelenka erba' (4) elementi li jridu jkunu prezenti sabiex jissussisti r-reat ta' spergur:

> *"(i) a testimony given in a cause, whether criminal or civil*

*(ii) on oath lawfully administered by the competent authority;*

*(iii) falsity of such testimony in a material particular*

*(iv) willfulness of such falsity or criminal intent"*

Illi fuq dawn ir-reati l-prova krucjali li l-prosekuzzjoni kellha f'idejha kienet ix-xhieda guramentata tal-imputat fl-atti tal-inkjesta Magisterjali datata tnax (12) ta' Settembru tas-sena 2014. Prova ohra krucjali hija l-istqarrija tal-istess imputat datata tlettax (13) ta' Settembru tas-sena 2014.

Illi ghar-ragunijiet elenkati fid-digriet taghha datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena 2022 din il-Qorti hadet id-decizjoni li tisfilza l-istess xhieda u anke l-istqarrija u ghalhekk kwalunkwe allegazzjoni maghmula minn xhieda ohra biex jikkorroboraw dak li qieghed jigi allegat huwa sempliciment *detto del detto*.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ma hiex ser issib htija fuq is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi stante nuqqas ta' provi.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 216(1)(a)(i), 222(1)(a), 202(h), 247A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Josef Vincenti** hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuzi u tikkundannah ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettivi filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1), mir-raba' (4), mill-hames (5), mis-sitt (6), mis-seba' (7) u mit-tmien (8) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Ulterjorment il-Qorti qed timponi lill-imputat **Josef Vincenti** sabiex ihallas l-ispejjez peritali li jammontaw ghal elfejn u erbatax(14)-il ewro u tnejn u sebghin centezmu (€2,014.72).

_______________________________________

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**